# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 30 ta' Ġunju 2022**

Appell numru 193/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Raymond ABELA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

**A. L-IMPUTAZZJONIJIET**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Ġunju 2021 kontra Raymond ABELA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 74280M) li ġie mixli talli għax-xahar ta' Mejju 2020 naqas li jagħti lil Maruska Abela u/jew lil uliedha s-somma iffissata meta hekk ordnata minn xi Qorti jew skont kuntratt u dan bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 – il jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tħallas dik is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputat ħati u kkundannatu għal xahar detenzjoni.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi ABELA appella minn din is-sentenza limitatament fir-rigward tal-piena inflitta fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġġħobha tilqa' dan l-appell fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar ġusta u ekwa għall-każ u dan wara li stqarr li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti kellha tiġi varjata sabiex tirrifletti r-realta li attwalment l-esponenti jinsab fiha speċjalment meta hu kien lest iħallas l-ammont dovut fis-seduta li tiġi appuntata quddiem din il-Qorti u dan stante illi m'għandux mezz ieħor fejn jista' jikkomunika mal-parte civile sabiex jibda jħallas minn qabel.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Nhar it-12 ta' Ġunju 2020 irraportat l-Għassa tal-Belt, ċerta Maruska Abela (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0011880M) fejn stqarret li r-raġel tagħha ma kienx għadda s-somma ta' manteniment dovut lilha u lill-uliedha għax-xahar ta' Mejju 2020. Il-kwerelanta ipprovdiet digriet maħruġ mill-Imħallef Anna Felice kif ukoll rikors b'talba li ġiet milquha mill-Imħallef Abigail Lofaro, sabiex is-somma ta' Ewro 358 titħallas minn Raymond Abela kull 16 tax-xahar bil-quddiem għax-xahar ta' wara liema somma kellha tiġi mnaqqsa mill-paga li l-istess kien jirċievi mingħand l-imgħallem tiegħu ta' Peppin Transport. Abela irraportat ukoll li hija kienet għamlet kuntatt mal-imgħallem tar-raġel tagħha fejn dan qallha li Raymond Abela kien tah struzzjonijiet sabiex għax-xahar ta' Mejju 2020 ma jnaqqaslux mill-paga bħas-soltu għaliex ma kellux flus.

5. Illi l-Pulizija tkelmet kemm mal-persuna ta' Cedric Sciberras bħala l-imgħallem ta' Raymond Abela, kif ukoll ma' dan tal-aħħar fejn Abela sostna li l-manteniment għax-xahar ta' Mejju 2020 ittieħed mill-paga

tiegħu u suppost kien għadda għand Maruska Abela. Sussegwentement fit-8 ta' Lulju 2020 il-Pulizija reġgħu tkelmu ma' Maruska Abela u din ikkonfermat li għalkemm kienet irċeviet il-manteniment għax-xahar ta' Ġunju 2020, għall-Mejju ma kinitx għadha tħallset u għaldaqstant insistiet mal-Pulizija sabiex jinbdew proċeduri kriminali fil-konfront ta' Raymond Abela għall-ksur tal-obbligu tiegħu li jivversa l-manteniment lilha hekk kif ordnat b'digriet ta' Qorti.

6. Illi nhar id-19 ta' Novembru 2020, Raymond Abela rċieva n-notifika tas-smiegħ tal-kawża b'rabta ma' dan il-każ u huwa deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-ewwel darba fis-seduta ta' nhar is-26 ta' April 2021.

## Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Mertu

7. Illi l-obbligu ta' ħlas ta' manteniment jitnissel minn kuntratt datat 16 ta' Mejju 2011[1] iddekretat mill-Imħallef Anna Felice. Skont dan id-digriet/kuntratt l-appellant ABELA kien intrabat li jħallas il-manteniment lil martu u liż-żewġ uliedu minuri kull xahar bil-quddiem. Nhar l-20 ta' Frar 2017, il-parte civile għamlet rikors fl-atti tal-medjazzjoni numru 263/17 fl-ismijiet Maruska Abela vs. Raymond Abela fejn talbet fost oħrajn sabiex l-ammont iffissat f'manteniment jgħaddi għandha direttament billi jinqata' mis-salarju ta' Abela. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), preseduta mill-Imħallef Abigail Lofaro, laqgħetilha t-talba nhar il-21 ta' Frar 2017.

8. Illi bejn id-data tad-digriet tal-21 ta' Frar 2017 u d-data tal-kawża in diżamina, ma sar l-ebda ftehim ieħor sabiex jiġi rivedut l-obbligu tal-appellant ABELA li jħallas il-manteniment dovut. Lanqas ma jirriżulta li ABELA għamel xi tentattiv f'dan is-sens fiż-żmien fejn huwa allegatament kien qiegħed ibgħati minn problemi ta' natura finanzjarja. Dan ifisser li l-appellant baqa' marbut b'dik l-ordni tal-Qorti sabiex iħallas il-manteniment iffisat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ammont ta' Ewro 358.03 fix-xahar b'dan l-ammont jitħallas permezz ta' tnaqqis mill-paga tiegħu.

---

[1] Dan id-dokument ġe esebit f'foljo 12 tal-atti proċesswali tal-kawża numru 194/2021 li skont ma jirriżulta minn foljo 41 tal-kawża in diżamina ġew ammessi bħala parti mill-atti proċesswali tal-kawża in diżamina u l-istess japplika għax-xhieda hemmhekk mogħtija.

9. Mill-provi jirriżulta li t-twaqqif tal-ħlas tal-manteniment mis-salarju tal-appellant, kien ir-riżultat ta' deċiżjoni unilaterali u arbitrarja ta' ABELA stess, bi ksur lampanti allura ta' ordni ta' Qorti kompetenti. Dan qiegħed jingħad għaliex f'paġna 34 tal-atti proċesswali[2], fix-xiehda tiegħu, Cedric Sciberras li huwa l-imgħallem ta' ABELA, kien ċar fi kliemu meta xehed kif huwa ma baqax jgħaddi c-cheque lil Maruska Abela rappreżentanti l-manteniment dovut, fuq struzzjonijiet tal-istess ABELA. Jgħid hekk:

> Qorti: Issa meta kellu drabi li ma setgħax iħallas qallek hu biex ma tgħaddiliex il-flus lill-mara tiegħu.
> Xhud: Iva mela.
> Qorti: Tajjeb jiġifieri kieku għalik inti kont tibqa' tgħaddihom il-flus.
> Xhud: Mhux ovja. Hu ried jgħidlu hux, hu ried jgħidli.

10. L-istess jerġa' jixhed f'paġna 36 tal-atti proċesswali fejn jgħid hekk:

> Qorti: Tajjeb, imma meta qallek is-Sur Abela biex tħallasha inti dejjem ħallastha.
> Xhud: Ehe.
> Qorti: Meta ma ħallasthiex kien fuq strict instructions tas-Sur Abela. Iva, tajjeb, x'iktar?
> Avukatessa: Xejn iktar mix-xhud.

11. Din ix-xiehda ta' Cedric Sciberras tikkonferma dak li xehdet il-parte civile meta f'paġna 27 tal-atti proċesswali qalet hekk:

> Xhud: Għidtlu inti għandek Ordni mill-Qorti biex ittihomli, lil ta' Peppin. Qalli imma jien irrid nobdi milli jgħidli d-driver tiegħi.
> Avukatessa: Id-driver tiegħu għal min kien qed jgħid? Għal min kien qed jgħid id-driver?
> Xhud: Kien qed jgħid għal Raymond Abela.

12. F'dan l-isfond l-importanza wara l-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali tassumi riljev akbar in kwantu dan huwa meqjus bħala reat serju li jolqot l-ordni pubbliku u b'hekk ma jistax jittieħed b'leġġerezza. Il-prinċipju li persuna li tkun marbuta b'kuntratt jew ordni ta' Qorti sabiex tħallas il-manteniment, ma tistax minn jeddha tiddeċiedi illi twaqqaf - anki temporanjament jew għal xahar wieħed biss – milli tħallas.

13. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deċiż nhar id-9 ta' Lulju 2003 din il-Qorti kienet stqarret hekk:

---

[2] Ara kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Raymond Abela enumerata 194/2021

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza flismijiet “Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar “ (2.9.1999) kienet irriteniet testwalment hekk :-

......”Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (Pol. vs. Lawrence Cutajar - 10.3.1995 u Pul. vs. Carmelo Farrrugia 23.1.98 ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant firrikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mallappellant . Ordni ghall-hlas ta’ manteniment kontenut f’Digriet moghti mis-Sekond’ Awla jibqa’ validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ………. kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond’ Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta’ dikjarazzjoni ta’ Qorti ohra kompetenti li dak idDigriet jew dak l-ordni kien null .
“Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-
1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta’ manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f’dan il-kaz , jew kieku si tratta ta’ ordni kontenut f’sentenza , kopja legali tas- sentenza relattiva.)
2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma .”

Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta’ probabbilita’ li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni .

“ Dik il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza “Il-Pulizija vs. Mario Mallia” (8.5.1998) fejn ukoll gie ritenut :-

“....ghal finijiet ta’ kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil- Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 8 minn 9 Qrati tal-Gustizzja paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta’ separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga taddigriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f’ dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond’ Awla jew mill-Prim’ Awla ( u salv il-prova ta’ rikonciljazzjoni jew ta’ dikjarazzjoni ta’ Qorti ohra kompetenti li dak iddigriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa’ validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali -- ara f’dan is-sens “Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia (App. Krim. 10/3/95 , u l-Pulizija v. Carmelo Farrugia, App. Krim. 23.1.1998. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.”

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri” [18.9.2002] fejn ghamlet riferenza ghalsentenza ohra ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (Appell Krim. Pul. vs. Anthony Saliba; 15.7.1998 ), fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta’ persuna li tisfa’ bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili

kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . U biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa' marbut bl-obbligu talhlas skond l-ewwel Digriet".

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u bl-istess mod din ilQorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali talappellant meta ddecieda li ma jhallas xejn aktar u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu .

14. L-istess ingħad fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Victor Tabone** deċiża nhar is-16 ta' Jannar 2001:

Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tfisser diversi drabi, in-non osservanza tal-ordnijiet tal-qrati civili in materja ta' hlas ta' manteniment u access ghall-ulied (paragrafi (z) u (ll) tal-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali) tammonta in realta` mhux tant ghal sfida lejn dik il-parti li jkollha dritt tircevi dak il-manteniment jew li jkollha dritt ta' access, daqs kemm ghal sfida lejn l-awtorita` tal-qorti li tkun tat l-ordni relattiv. Huwa ghalhekk li l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom, bhala regola, jkunu pjuttost severi flapplikazzjoni tal-piena fir-rigward ta' dawn iz-zewg kontravvenzjonijiet. Fil-kaz in dizamina, apparti dak li nghad aktar 'l fuq dwar prospetti ta' rikonciljazzjoni, jirrisulta wkoll li l-appellant ma hallasx il-manteniment ghax kien spicca bla xoghol. Dana l-fatt wahdu, s'intendi, ma jiggustifikax in-nuqqas ta' pagament tal-manteniment – l-appellant kellu r-rimedju semplici li jerga' jmur quddiem il-Qorti Civili kompetenti u jgib dana l-fatt a konjizzjoni ta' dik il-qorti biex, se mai, ikun hemm tibdil fl-ordni dwar il-hlas tal-manteniment. L-appellant dan ma ghamlux, u deherlu li seta' semplicement jieqaf milli jhallas il-manteniment minghajr ma jkun hemm konsegwenzi ta' xejn. Evidentement dan ma setax jaghmlu, u ghal dak li ghamel – cioe` li naqas li jhallas il-manteniment – hemm konsegwenzi penali. Pero`, kollox ma' kollox, din il-Qorti tara li jkun aktar gust li f'dana l-kaz li l-piena tkun wahda pekunjarja milli wahda karcerarja.

15. F'każ fejn persuna marbuta li tħallas il-manteniment jinqalgħulha bdil fiċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħha, hija għandha tirrikorri immedjatament għand il-Qrati Ċivili kompetenti b'talba għal reviżjoni jew li jilħaq ftehim ieħor mal-parti riċeventi biex jiġi mibdul dak l-obbligu. Iżda dik il-persuna ma tistax tiddeċiedi minn jeddha, u b'mod ħesrem li tiddekadi minn tali ordni, għaliex f'dak il-każ jiskattaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali u tkun passibbli għal dak ir-reat kriminali.

16. Din il-Qorti għalhekk tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-imputat appellant għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu f'dawn il-proċeduri.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

17. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

18. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti

kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li **l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz**[3] (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

19. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis 'anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti'.

[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

20. Magħdud dan kollu, jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tirrientra fil-parametri tal-Liġi ai termini tal-Artikolu 338(ż) moqri flimkien mal-artikoli 7(2) tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma jirriżulta li l-appellant għamel xi forma ta' tentattiv li jħallas lil martu l-pendenzi kollha li hija kienet qiegħda titlob minkejja illi wiegħed illi kien sejjer jagħmel dan fil-mori tal-proċeduri quddiem din il-Qorti.

21. Mill-banda l-oħra l-Qorti qieset ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, nonche l-fatt li ġie pruvat sal-grad tal-probabbli li fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant jinsab għaddej minn kundizzjoni ta' saħħa xejn tajba. Naturalment dan ma jxejjen xejn ir-responsabbilita penali tiegħu għan-nuqqasijiet tiegħu imsemmija iżjed il-fuq. Iżda din il-Qorti qegħda tieħu wkoll in konsiderazzjoni dan il-fatt fir-rigward tan-natura tal-piena li għandha tiġi inflitta f'dan il-każ. Il-piena li se tkun inflitta tista' tippostponi l-piena detentiva fil-każ li huwa jerġa ma joqgħodx mal-ordni tal-Qorti filwaqt li tagħti lok lill-appellant li jkun jista' jirkupra ftit.

## Deċide

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi :

i) Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tar-reat miġjub kontrih;
ii) Tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti piena u
iii) Minflok il-piena ta' xahar detenzjoni fiċ-ċirkostanzi prevalenti u riżultanti, din il-Qorti tqis li jissussistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk il-Qorti tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xaharejn millum. Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħati bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem ser li jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**